MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 5/2003/1

**Olaf Cini**

**vs**

**L-Avukat Generali tar-Repubblika**
**u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

1. Ir-rikors promotorju tar-rikorrent, intavolat quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Frar 2003,

jallega ksur ta' drittijiet fundamentali in konnessjoni ma' diversi proceduri ta' natura kriminali intentati kontra r-rikorrenti. Ir-rikorrenti qieghed jallega li huwa gie moghti u jew jista' jinghata piena karcerarja eccessiva ghal dawk l-imputazzjonijiet minhabba li gie impedut milli jibbenefika mid-dispozizzjoni vantaggjuza ghalih li tohrog mill-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` mill-fatt li l-imputazzjonijiet kienu jikkoncernaw reati b'indoli tar-reat kontinwat.

2. L-Avukat Generali tar-Repubblika, kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, opponew din it-talba tar-rikorrenti b'diversi eccezzjonijiet li taw.

3. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili ippronunzjat is-sentenza taghha fil-25 ta' Settembru 2003. Il-kawza ddecidietha hekk:
"**Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati** u tiddikjara li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent la hija fiergha u lanqas merament vessatorja, u ghalhekk jisthoqqilha titqies minn din il-Qorti;

**Tichad it-tieni eccezzjoni ta' l-intimati**, u dan kwantu tirreferi ghall-procedimenti rigwardanti r-rikorrent quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, u tiddikjara li hija ghandha tezercita s-setgha taghha biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent, kif sejra issa taghmel;

**Tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohrajn ta' l-intimati fil-mertu** u, konsegwentement, **tichad it-talbiet tar-rikorrent** bhala mhux misthoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi ma jirrizultax li sehh ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq minn Qorti imparzjali jew ta' xi jedd iehor fondamentali spettanti lilu, kif minnu ilmentat; u

**Tordna** li, fid-dawl ta' aspetti partikolari ta' dritt mistharrga f'dan il-kaz, l-ispejjez ikunu minghajr taxxa bejn il-partijiet"

4. Kopja ta' din is-sentenza qed tigi annessa hawn biex tifforma parti integrali minn din is-sentenza. Dana qieghed isir billi fl-istess sentenza hemm indikati b'ferm

aktar dettal it-talba ezatta tar-rikorrenti, ir-risposta ta' l-intimati kif ukoll il-motivazzjoni elaborata li wasslet lil dik il-Qorti li tiddeciedi l-kawza bil-mod li din iddecidietha.

5. Fil-15 ta' Ottubru 2003, ir-rikorrenti intavola appell minn din is-sentenza billi hassu aggravat minnha. Huwa qieghed jitlob li dina l-Qorti joghogobha thassar is-sentenza appellata tal-25 ta' Settembru 2003 u li joghgobha tiddikjara illi interpretazzjoni hazina tal-ligi li timpingi fuq drittijiet fundamentali, timmerita investigazzjoni u rimedju xieraq. Talab ukoll li din il-Qorti tiddikjara illi gew lezi d-drittijiet spettanti lir-rikorrent taht l-Artikoli 34, 36(1), 39(1) u 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-Art. 3, 5, 6(1), 7 u 13 tal-Konvenzjoni, u li tilqa' t-talbiet tieghu sabiex jinghata rimedju u kumpens xieraq u li tordna illi kwalunkwe piena li se tinghata fil-kawzi pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati tigi ddikjarata illegali.

6. L-intimati appellati opponew dawn it-talbiet billi sostnew li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u dana ghar-ragunijiet li huma esponew dettaljatament fir-risposta taghhom. Ghandu jigi senjalat hawn illi f'din ir-risposta dawn l-intimati taw eccezzjoni proceduràli preliminari li biha sostnew li l-appell interpost mill-appellanti huwa irritu u null *ratione temporis* in kwantu l-istess appell ma giex prezentat fi zmien provdut fir-regolament 4 ta' l-Avviz Legali 35 ta' l-1993.

7. Fis-seduta mizmuma minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu 2004, id-difensuri ttrataw brevement din l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-intimati. F'dik is-seduta l-Avukat ta' l-appellant sostniet li hemm gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li in succint tghid li jekk appell ma jinstemax ghaliex ma jkunx gie intavolat fit-terminu, dan il-fatt igib vjolazzjoni ta' dritt ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. F'dik is-seduta, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum, bil-fakolta` lill-istess Avukat ta' l-appellantli tipprezenta kopja tas-sentenza msemmija minnha fl-istess seduta. Hija nghatat terminu sat-30 ta' Marzu 2004 biex tipprezenta kopja ta' din is-sentenza, bil-visto tal-kontro-parti jew inkella tramite notifika.

8. Fid-29 ta’ Marzu 2004, l-appellant ipprezenta zewg atti cioe` nota li biha indika lil din il-Qorti gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll rikors li bih talab li din il-Qorti joghogbha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza fuq l-inamissibilita` ta’ l-appell sabiex tigi trattata l-allegazzjoni ta’ riskju ta’ ksur ta’ l-Artikolu 6(3) tar-rikorrent bid-dikjarazzjoni ta’ l-inammissibilita` ta’ l-appell tar-rikorrent.

9. Ghall-kompletezza din il-Qorti sejra tipproduci hawn kemm in-nota kif ukoll ir-rikors ta’ l-appellant li jissemmew fil-paragrafu precidenti. In-nota taqra ezattament hekk:
“Nota ta’ Olaf Cini li biha jindika lil dina l-Onorabbli Qorti gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li iddikjarat illi jista’ jkun hemm vjolazzjoni tad-dritt ta’ l-access ghal Qrati ta’ l-appellant u anke lezjni tad-dritt ghar-rimedju ghar-rimedju effettiv (Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea) kif ukoll lezjoni tad-dritt tieghu kif protett minn Artikolu 6(1) jekk Qorti *tapplika interpretazzjoni stretta ghal “time limits”* u tiddikjara appell inammessibli.

Ara **Belez and Others vs Czech Republic deciza 12/11/2002** minn paragrafi 49 sa 69. Para. 49:

“in deciding, on the basis of a particularly strict interpretation of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermine the very essence of the applicants’ right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1)”

para. 61
“….limitations must pursue a legitimate aim and there must be a reasonable proportionality between the means employed and the aim pursued……”

ara ukoll f’dan is-sens **Miragall Escolano and Others vs Spain 25/10/2000** (recte: 25/01/2000) u **Burmarescu vs Romania 1999** (recte: Brumarescu v. Romania 28/10/1999)**:**

"The rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy."

Ir-rikors ta' l-appellant, huwa motivat hekk:

"Illi qabel ma dina l-Onorabbli Qorti tghaddi biex tippronunzja s-sentenza taghha dwar l-inammissibilita` ta' l-appell fil-kawza odjerna, u peress li hemm riskju serju illi l-appell jigi iddikjarat inammissibbli, l-esponenti jixtieq jitlob is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex iqajjem lezjoni tad-dritt tieghu kif protett mill-**Artikolu 6(3)** tal-Konvenzjoni Ewropea billi **zball ta' l-avukat** (li kien zball fit-terminu ta' l-appell) ifisser illi r-rikorrent ma kellux an **effective** legal representation.

Illi r-regola ta' tmient'ijiem ghal appell kostituzzjonali hija wkoll **limitazzjoni** serja tad-dritt ta' *effective legal representation* ta' l-appellant kif protett minn Artikolu 6(3) ghaliex mhux dejjem possibbli ghall-avukati impenjati sew bix-xoghol tal-Qorti li joffru **effective** legal representation b'terminu daqshekk qasir.

Illi l-esponent jissottometti wkoll li r-regola ta' tmient'ijiem imposta minn L.N.35 ta' l-1993 **tiddiskrimina** ma' persuni li ghandhom appelli kostituzzjonali ghaliex nies b'kawzi ordinarji ghandhom ghoxrin gurnata biex jappellaw."

10. Din il-Qorti ordnat lill-appellant biex jinnotifika kopja tan-nota kif ukoll kopja tar-rikors lill-kontro-parti, li nghataw zmien sal-15 ta' April 2004 biex huma, jekk iridu, jirrispondu.

11. Din il-Qorti tinnota illi l-appellant ma ottemperax ruhu ma' dan id-digriet. Infatti huwa naqas li jipprezenta r-rikors u n-nota bil-visto tal-kontro-parti u lanqas ipprova jinnotifika dawn l-atti lill-kontro-parti <u>fi zmien utili</u>. Irrizulta

li l-appellant hallas biex issir in-notifika ta’ dawn l-atti fl-20 ta’ April 2004, meta skond id-digriet imsemmi, l-kontro-parti kellhom biss sal-15 ta’ April 2004 biex jirrispondu.

12. Fis-seduta tal-lum din il-Qorti ivverbalizzat hekk:
“Meta ssejhet il-kawza ghal tlett darbiet la deher l-appellant u lanqas l-avukat tieghu. Dehret biss Dr. M Sciberras Abdilla ghall-appellati.

Il-kawza giet posposta.

Meta regghet issejhet il-kawza rega’ ma dehrx l-appellant u d-difensur tieghu. Dr. Peter Grech prezenti jinforma l-Qorti illi t-termini stabbiliti fid-digriet ta’ din il-Qorti, ma gewx osservati u li fi kwalunkwe kaz l-incident li tqajjem bir-rikors huwa frivolu u vessatorju u ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.

F’dan il-mument regghet issejhet Dr. Lynn Zahra li baqghet ma dehritx.

Il-Qorti, fic-cirkostanzi tichad it-talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u tipposponi l-kawza biex taghti s-sentenza taghha aktar tard illum stess.”

13. M’hemm l-ebda dubbju li l-appellant intavola r-rikors ta’ l-appell tieghu tardivament u allura <u>bhala fatt</u> l-eccezzjoni preliminari ta’ l-appellati hija benfondata. Infatti, l-Avviz Legali 35 ta’ l-1993, kif emendat bl-Avviz Legali 42 ta’ l-1993, ezattament fir-Regolament 4(2) tieghu, jimponi terminu ta’ tmint ijiem tax-xoghol, dekorribbli mid-data tad-decizjoni appellata, biex isir l-appell:
“Ir-rikors ta’ l-appell <u>ghandu</u> jsir fi zmien tmint ijiem tax-xoghol mid-data tad-decizjoni appellata” (sottolinear tal-Qorti).

14. Il-lamenti li ressaq l-appellant fil-konfront ta’ din l-eccezzjoni jirrazentaw il-fieragh u l-vessatorju u certament ma gew bl-ebda mod sostnuti. Il-Qorti ma tarax il-htiega,

fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, li tipprofondixxi l-konsiderazzjonijiet taghha oltre dak li ser jinghad.

15. It-termini, anke dawk perentorji bhalma huwa t-terminu in kwistjoni, ma jigux imposti fl-ordinament guridiku kappriccozament jew biex inaqqsu id-drittijiet tal-litiganti jew biex jirrendu l-hajja ta' l-avukati aktar difficli u stressanti. Invece, dawn it-termini jigu stabbiliti ghall-iskop legittimu. It-termini ma jiddiskriminawx ghax qeghdin hemm ghal kulhadd, bl-istess mod.

16. It-termini ghandhom l-ghan gust li jimponu zmien specifiku u ben definit li matulu dak li jkun ikun jista' liberament jezercita d-dritt relattiv tieghu. Jekk dak it-terminu jithalla jghaddi inutilment, allura r-responsabilita` konsegwenzjali ghandu jerfaghha min baqa' hekk passiv. Fi kliem iehor, *imputet sibi* li dak id-dritt safa' ppregudikat.

17. It-termini, anke dawk perentorji ghandhom l-ghan legittimu li jikkonferixxu fuq l-andament tal-kawzi dik ic-certezza u finalita` li minghajrhom l-amministrazzjoni tal-gustizzja tigi reza wisq debboli u ineffikaci.

18. Terminu bhal dak li jimponi z-zmien li meta matulu l-appell jista' jigi intavolat, huwa fatali u lanqas jista' jigi rinunzjat mill-kontro-parti ghax huwa ta' ordni pubbliku u ta' interpretazzjoni stretta. Kif qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza <u>MIRAGALL ESCOLANO AND OTHERS – VS – SPAIN</u> tal-25 ta' Jannar, 2000:-
"The Court further considers that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring a proper administration of justice and compliance, in particular, with the principle of legal certainty. <u>Litigants should expect those rules to be applied</u>." (sottolinear tal-Qorti).

19. Naturalment, il-Qorti ma tistax ma tissimpatizzax ma' dak il-litigant jew ma' dak l-avukat li b'xi zvista jizbalja u jhalli terminu perentorju jghaddi inutilment, u b'hekk xi dritt, jisfa pregudikat, kif fil-fatt gralu l-appellant. Pero`,

f'okkazzjonijiet bhal dawn, il-Qorti ma ghandhiex is-setgha li tregga' l-arlogg lura jew li taghlaq ghajnejha, ghaliex kieku kellha taghmel dan tkun qeghdha tiffrustra l-ghan siewi u legittimu tal-ligi, apparti li tkun qeghdha wkoll tippregudika d-drittijiet tal-kontro-parti, li wkoll ghandu d-dritt li jkun jaf ezattament fejn hu.

20. Illi ghalhekk, din il-Qorti ma ssib l-ebda ostakolu lanqas ostakolu ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali, biex tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-appellati.

21. Ghal dawn il-motivi, prevja li tilqa' l-imsemmija eccezzjoni ta' l-appellati, tiddikjara l-appell irritu u null ghax ipprezentat tardivament u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu a karigu ta' l-appellant.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tad-decizjoni ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-25 ta' Settembru 2003, qieghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**(KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Rikors Numru. 5/2003/1

**Olaf ĊINI**

**vs**

**L-AVUKAT ĠENERALI TAR-REPUBBLIKA u l-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-21 ta' Frar, 2003, li bih ir-rikorrent ippremetta:

Illi fil-5 ta' Mejju 1997 l-Ispettur Raymond Vella Gregory ressaq lir-rikorrent talli fix-xhur ta' qabel l-20 ta' Mejju 1997 ikkommetta diversi atti, li ffalsifika dokumenti u għamel użu minn ismijiet foloz jew inqeda b'qerq, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta). Il-każ beda jinstema' quddiem il-Maġistrat Noel Cuschieri;

Illi fit-8 t'Ottubru 1998 minkejja li kienet ġiet assikurata mill-vittimi li Olaf Cini kien ħallashom għal xi bounced cheques, ir-rikorrent tressaq mill-Ispettura Alexandra Farrugia Mamo akkużat b'reati ta' frodi u użu ta' cheques, kollha simili għar-reati ta' qabilhom, u li bdew jinstemgħu quddiem il-Maġistrat Noel Cuschieri ukoll;

Illi fit-3 t'Ottubru 1999 l-Ispettura Alexandra Farrugia Mamo kompliet tħalli min juża lill-Pulizija minflok jiftaħ kawża ċivili biex jieħu flus mingħand l-esponent u reggħet ressqitu fuq reati simili li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi;

Illi dan il-każ ġie quddiem il-Maġistrat Cuschieri (illum qiegħed jinstema' mill-Maġistrat Hayman);

Illi b'hekk il-Maġistrat Cuschieri ġie li kien qiegħed jisma' tlett kawżi ta allegazzjonijiet ta' truffa, frodi u frodi nominanti kontra l-imputat;

Illi kemm il-pulizija kif ukoll il-Maġistrat Cuschieri, li kien qiegħed jisma' dawn it-tlett kawżi kienu jafu, jew kien imisshom jkunu jafu illi r-reati kienu kollha jaqgħu taħt l-artikolu 18 tal-Kap. 9 u kellhom jitqiesu bħala reat kontinwat wieħed, li għalih jekk jinstab ħati l-imputat, kellu jingħata piena ta' grad jew tnejn għola;

Illi fit-30 t'Ottubru 2000 l-Ispettura Alexandra Farrugia Mamo reggħet ressqet lill-esponenti fuq akkuzi simili għal dawn ta' fuq u li kien qiegħed jisma' l-Maġistrat Cuschieri. Il-kumpilazzjoni bdiet tinstema' u għadha sal-lum qegħda tinstema' quddiem il-Maġistrat Antonio Mizzi;

Illi jekk jinstab ħati ta' dawn ir-reati, ir-reati għandhom jitqiesu li jifformaw parti mnn diversi atti/reati l-oħra u għandhom jitqiesu bħala **reat wieħed** allavolja l-pulizija imxiet b'diversi kawżi;

Illi fit-28 ta' Frar 2001 l-Ispettur Carmel Magri ressaq lill-esponenti fuq falsifikazzjoni ta' firma, kawża li prezenzjalment qiegħed jismagħha l-Maġistrat Antonio Mizzi u li hija differita għas-sentenza għal xhur iminenti;

Illi dan ir-reat ukoll għandu jiddaħħal mal-oħrajn għax huwa reat li jikser l-istess disposizzjoni tal-liġi li jitqiesu mill-artikolu 18 bħala reat wieħed anke meta jkunu magħmulin mill-ħati fi żminijiet differenti;

Illi l-Maġistrat Noel Cuschieri, li ken qiegħed jisma' tlett kawżi, kollha ta' allegazzjoni ta' truffa, frodi u frodi nominanti kontra l-imputat, lesta mis-smiegħ tal-provi fi tnejn minn dawn il-kawżi, u minkejja l-artikolu 18 tal-Kap. 9 li jqis diversi reati magħmulin b'intenzjoni waħda bħala **reat wieħed** anke jekk ġew magħmulin mil-ħati fi żminijiet differenti biex tingħata piena waħda u mhux diversi pieni, xorta għadda biex ta żewġ sentenzi **separati,** minflok ma ta' piena waħda kontra l-imputat;

Illi b'hekk ġie lez l-artikolu 18 u anki d-dritt tal-imputat/esponent illi ma jingħatax diversi kastiġi. Peress illi l-imputat ingħata żmien aktar minn dak li tesiġi l-liġi, il-conviction tiegħu ma kienitx legali u tikser id-dritt tal-liberta tiegħu kif protett mill-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem;

Illi fis-7 ta' Marzu 2002 l-imputat ingħata sentenza ta' tlett snin u tmien xhur priġunerija bit-tnaqqis tal-arrest preventiv bl-operazzjoni ta' sentenza sospiża;

Illi fit-22 ta' Marzu 2002 l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) inflitiet piena oħra ta' sentejn priġunerija din id-darba **mingħajr tnaqqis tat-18 il-xahar arrest preventiv**. Is-sentenza qalet li dan il-perjodu tal-arrest preventiv kien diġa tnaqqas fl-ewwel sentenza ta' din il-Qorti;

Illi filwaqt illi l-Ewwel Qorti espressament qalet li m'għandux jitnaqqas l-arrest preventiv, għaliex ingħata fis-sentenza ta' ħmistax qabel, l-Ewwel-Qorti njorat għal kollox il-fatti illi li l-imputat kien għadu kemm ingħata sentejn priġunerija fuq reati li l-liġi tikkonsidrahom bħala **reat kontinwat wieħed** li l-liġi trid li għalih tingħata piena waħda b'grad jew tnejn għola u mhux diversi kastiġi;

Illi l-esponent jissottometti illi kien hemm abbuz min-naħa tal-pulizija li baqgħu imexxu l-kawżi separatament kontra l-imputat u dan sar bl-iskop li jkun hemm multipliċita ta' pieni kontra l-imputat;

Illi l-liġi ma tridx multipliċita ta' piena għar-reati kontinwati u l-pulizija daru mal-liġi meta mexxew b'diversi kawżi u dan biex l-imputat jeħel piena twila;

Illi dan l-aġir huwa leziv tad-drittijiet fundamentali tal-imputat;

Illi l-Maġistrat ukoll meta kien jaf illi għal tlett kawżi ta' reati kollha simili li jaqgħu taħt l-artikolu 18 kien ser jagħti sentenzi separati, tnejn minnhom infatti kienu separati minn xulxin bi ħmistax-il ġurnata biss;

Illi dawn ir-reati kontinwati kelhom u għad għandhom jitqiesu bħala reat wieħed mill-Maġistrat li kien qiegħed jippresiedi l-proċess kriminali u jinterpreta l-liġi;

Illi l-artikolu 18 tal-Kap. 9 huwa ċarissmu fuq diversi reati magħmulin bl-istess intenzjoni. Dawn għandhom jitqiesu bħala każ wieħed kontinwat anke jekk ġew magħmulin fi **żmienijiet differenti**;

**"meta diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żmienijiet differenti, ikun jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa' żewġ gradi";**

Illi l-imputat ġie ssentenzjat għall-perjodu ta' priġunerija ta' **żmien itwal** milli trid il-liġi fl-artikolu 18 u dan huwa ksur tad-dritt protett mill-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi r-rikorrent appella miż-żewġ sentenzi tal-Maġistrat Cuschieri u ż-żewġ appelli nstemgħu flimkien, mill-istess Imħallef u l-aggravju tal-imputat fiż-żewġ appelli kien biss illi l-piena kienet **eċċessiva;**

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) għalkemm għamlet referenza speċifika għall-artikolu 18 fis-sentenza tagħha injorat li dan l-artikolu jipprojbixxi **diversi kastiġi** għal reati diversi u anzi marret oltre għaliex iddikjarat illi fil-fehma tagħha, il-piena li ngħata mill-Ewwel Qorti kienet baxxa, u kkonfermat iż-żewġ sentenzi;

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell, fit-tieni sentenza (Il-Pulizija vs Olaf Cini II, tal-21 ta' Ġunju 2002) uriet parzjalita' mal-imputat meta minflok iddikjarat illi ma setgħux jingħataw żewġ kastiġi separati għar-reati kontinwati, ddikjarat fis-sentenza taghha illi l-imputat **"m'għandux jippretendi xi discount fil-piena";**

Illi d-dritt tal-esponent li ma jingħatax diversi kastiġi għad-diversi reati li kkommetta fi żmienijiet differenti kien jidher **"on the face of the record"** għalhekk dan in-nuqqas da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) li tqajjem ex-uffiċio il-kwistjoni **tal-multiplikazzjoni tal-piena** għar-reati li kellhom jitqiesu bħala reat kontinwat wieħed, minkejja li kienu mifruxin **f'żewġ proċessi**, u n-nuqqas li tirregola u tirriduċi l-perjodu ta' piena karċerarja biex tiġi bilanċjata l-ommissjoni ta' l-Ewwel Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, jammonta għal smiegħ mhux xieraq u mparzjali kif trid il-liġi. Din il-parzjalita' hija projbita mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi l-Qorti tal-Appell preseduta mill-istess ġudikant illi kkoferma l-appell tal-esponent, fil-kawża "Il-Pulizija vs Joseph Attard" deċiża Ġunju 1994 qalet illi "*jekk ikun jidher li kien hemm abbuz ta' diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni biex tiġi immultiplika l-piena kontra l-imputat, dik il-Qorti* **għandha hija stess** *tikkontrobilanca għal dak l-abbuz" (enfasi ta' rikorrent);*

Illi l-ommissjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) li tibbilanċja hija stess għal multipliċita' ta' piena f'dan il-każ partikolari tammonta ukoll għal ksur tad-drittijiet protetti taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea billi, għalkemm kien

hemm "conviction by a court" xorta waħda hija llegali għaliex hija itwal mill-perjodu li trid il-liġi fl-artiklu 18 tal-Kap. 9 għal diversi reati li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi;

Illi fl-Appell tiegħu l-esponent qal biss fl-aggravju tiegħu illi l-piena kienet eċċessiva;

Illi minkejja dan, xorta jibqa' l-fatt il-Ġudikanti tal-Qrati ta' Ġudikatura Kriminali t-tnejn kellhom id-dmir, fl-isem l-amministrazzjoni tal-Ġustizzja li jqanqlu ex-uffiċio fatt li joħrog ċar on the face of the record u ċioe li l-artikolu 18, jipprojbixxi multipliċita' ta' piena karċerarja;

Illi ġudikant li jkun għamel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq il-fatti quddiemu li jimplikaw lill-akkużat iżda mbagħad jinjora fatt li jkun iffisser piena anqas severa għal persuna akkużata, liema fatt ikun anke ċar **"on the face of the record"**, ikun qiegħed jivvjola d-drittijiet fundamentali tas-smiegħ xieraq u anki ta' non deprivazzjoni tal-liberta' personali tal-persuna akkużata, liema drittijet huma protetti mill-Kostituzzjoni Maltija taħt l-artikoli 34 u 39 u anke mill-Konvenzjoni Ewropea taħt l-artikoli 5 u 6(1), speċjalment meta wieħed iqis illi l-ġudikant li għandu l-konsapevolezza kollha tal-liġi, jagħti żmien ta' priġunerija **itwal** minn dak li tesiġi l-istess liġi li jku n qiegħed jinterpreta;

Talab għalhekk li din il-Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li hija tqis xierqa u opportuni biex jiġu mwettqin id-drittijiet fonadmentali tiegħu fosthom li **tħassar u tikkanċella** s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Marzu, 2002, u tat-22 ta' Marzu, 2002, fil-kawżi fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Olaf Ċini* (I) u *Il-Pulizija vs Olaf Ċini* (II) ikkonfermati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Ġunju, 2002, li għandhom jitħassru wkoll, tillibera lill-imputat **mill-ħabs minnufih, u** tordna li l-prosekuzzjoni tal-esponent fit-tlitt kawżi l-oħra li qegħdin jinstemgħu quddiem l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jieqfu minnufih; kif ukoll tordna ħlas ta' kumpens xieraq lill-esponenti għad-danni kollha sofferti, kemm dawk

riżultanti minn tbatija psikoloġika, kif ukoll dawk riżultanti f'telf finanzjarju u materjali minħabba telf ta' impieg għal żmien sostanzjali minħabba priġunerija illegali;

Rat il-ħames (5) dokumenti mehmużin mal-istess Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tal-25 ta' Frar, 2003,li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ għall-4 ta' Marzu, 2003, u tat żmien lill-intimati biex iressqu Tweġiba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fl-4 ta' Marzu, 2003, li biha huma esponew:

Illi preliminarjament ir-rikors huwa frivolu u vessatorju in kwantu mhux ta' indoli kostituzzjonaili. Ir-rikorrent qed jittenta sempliċiment li jagħmel appell fit-tielet grad meta dan mhux ammess fis-sistema ġuridiku Malti;

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju, din il-Qorti għandha tiddeklina milli tezerċita s-setgħat tagħha fit-termini li jipprovdi l-artikolu 4 tal-Kap. 319 u l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni stante li r-rikorrent kellu rimedju ordinarju u effettiv li addirittura adoperah u ma jistax issa bi skuza li qed jiġu lezi lilu d-drittijiet fondamentali jintenta azzjoni bħal dik odjerna (jekk tassew hu l-każ li r-rikorrent għandhom bzonn ta' xi rimedju fil-fattispeċi tar-rikors promotur u l-akkużi kif kienu ġew dedotti kontrih);

Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti l-lanjanzi kollha ma jqajmu l-ebda punt li jimpinġi fuq id-drittijiet fondamentali sanċiti mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319);

Dak li qed jipprova jagħmel ir-rikorrent huwa li jistieden lil din il-qorti biex teżerċita gurisdizzjoni tagħha li hija inerentement "straordinarja" (kif ritenut fil-ġurisprudenza) biex TINTERPRETA mill-ġdid Artikolu fid-dritt ordinarju (dak penali) għaliex dak li ġie deċiż fl-appell m'għogobx lir-rikorrent!;

Ir-rikorrent qed jallega li kulħadd abbuża mil-ligi: l-ispetturi tal-pulizija abbużaw meta resquh quddiem il-qorti kompetenti; il-Maġistrat kien komparteċi;pi fl-abbuż meta sabu ħati tad-diversi reati li wettaq; anki l-Qorti ta' l-Appell abbużat, dejjem skond ir-rikorrent, meta ikkonfermat il-ħtija tiegħu. Ir-rikorrent biss donnu kien ħamiema bajda f'dawn id-disavventuri kollha;

Iżda r-rikorent qed jinjora l-element ġuridiku kardinali li kemm l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-artikolu 6 flimkien mal-korrispettivi tagħhom fil-Kostituzzjoni Maltija ma jistgħux ikollhom applikazzjoni f'każ fejn individwu jilmenta li ġie interpretat ħażin Artikolu partikolari tal-Kodiċi Kriminali. Mhux biżżejjed li r-rikorrent jgħid li ma kienx hemm imparzjalita' tal-qrati kompetenti għaliex ma interpretawx il-liġi fiċ-ċrkostanzi kif qed jifihmhom hu;

Kostituzzjonalment id-dritt għas-smigħ xieraq, l-imparzjalita', l-*equality of arms* u jeddijiet oħra li huma garantiti taħt l-artikolu 6 jiġu applikati fil-kuntest ferm divers milli sempliċi opinjoni ta' persuna misjuba kriminalment ħatja ta' kif għandu jkun interpretat l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Id-dritt kostituzzjonali f'dan l-ambitu japplika biex jitħarsu d-drittijiet tad-difiza dwar xhieda (u xiehda), imparzjalita' tal-ġudikant, presunzjoni ta' l-innoċenza u smigħ fil-pubbliku fi żmien raġonevoli, li sentenza tkun immotivata, ħelsien minnn lawto inkriminazzjoni, li l-proċeduri jkunu avversjali li ma jkunx hemm pubbliċita preġudizzjali għall-akkużat u li l-qorti aġġudikanti tkun mwaqqfa b'liġi;

Ad eżempju r-rikorrent juża lingwaġġ xejn ġuridiku meta jgħid: "…l-Qorti ta' l-appell, fit-tieni sentenza… uriet **parzjalita' enormi** mal-imputat…" għaliex ma kellhom jingħataw żewġ kastiġi separati għax, skond hu, kien hemm reat kontinwat;

Din mhix kwistjoni ta' parzjalita' iżda ta' interpretazzjoni tal-liġi kif ingħad. Il-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg fuq il-parzjalita' o meno tal-ġudikant hija fis-sens:

*"The existence of impartiality for the purpose of Article 6(1) must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect….*

*Impartiality (means) lack of prejudice or bias"*

Piersack v Belgium A 53 (1982)

Fejn qiegħed il-"preġudizzju" li qed jallega r-rikorrent? Kemm il-Maġistrat kif ukoll l-Imħallef, skond hu, kienu preġudikati kontrih għaliex interpretaw ħazin l-Artikolu 18 imsemmi. Dan ma jagħmilx sens ġuridikament fil-kamp kostituzzjonali;

Diffiċilment ukoll wieħed jista' jara rilevanza fir-referenza għall-artikolu 5 tal-Konvenzjoni fil-fattispeċi tal-każ tar-rikorrent;

Il-Qorti ta' Strasbourg innifisha, mill-bidunett għamlitha ċara li hija mhix qorti ta' l-appell…

"…i.e. a fourth instance, from the decisions of national courts applying national law. **An application that merely claims that a national court made an error of fact or law will be declared inadmissible ratione materiae**. In addition, where an application alleges that national law violates the Convention, the Strasbourg authorities will not normally question the interpretation of that law by the national courts - X & Y v Netherlands (A 91 1985). However, where it is a part of a Convention requirement that national law be complied with (eg an arrest must be 'lawful': Article 5(1), the Strasbourg authorities do claim a power to review the observance of national law by the national authorities. Even so, they are most unlikely to disagree with any decision by a national court upon the matter – Winterwerp v Nethelands 9A 33 1979)"[1];

[1] Law of the European Convention on Human Rights (1995) Harris et al p 15

Jiġi ribadit li din mhix sede fejn jiġi riinterpretat l-artikolu 18 tal-Kap 9 u għalhekk ir-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju għaliex ir-rikorrent qed jipprova jappella fit-tielet grad;

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti fl-ewwel lok tiddikjara r-rikors promotur bħala frivolu u vessatorju, subordinatament u mingħajr preġudizzju tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni kostituzzjonali kif ingħad fuq u subordinatament tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż;

Rat id-Degrieti tagħha mogħtija waqt is-smigħ tal-4 ta' Marzu, 2003[2], li bihom (a) ordnat lir-rikorrent ifisser b'Nota liema huma d-dispożizzjonijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali li fuqhom isejjes l-ilment tiegħu, u wkoll (b) biex tneħħi mir-Rikors promotur kliem jew frażijiet li ma kinux f'posthom;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent fit-12 ta' Marzu, 2003[3], bit-tifsira tar-raġunijiet u r-relattivi dispożizzjonijiet li fuqhom huwa jsejjes l-allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu f'dan il-każ;

Rat in-Noti mressqin mir-rikorrent fis-17 ta' Marzu, 2003[4], u fit-18 ta' Marzu, 2003[5], li magħhom kien hemm mehmużin għadd ta' dokumenti;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-15 t'April, 2003, partikolarment fejn ir-rikorrent talab li tingħata deċiżjoni limitatament għall-aggravji tiegħu kif imnissla mis-sentenzi mogħtijin fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali, liema talba l-istess rikorrent irtira aktar tard waqt l-istess smigħ;

Semgħet ix-xiehda tal-intimati;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

---

[2] Paġġ. 24-5 tal-proċess
[3] Paġġ. 25-9 tal-proċess
[4] Paġġ. 30 sa 62 tal-proċess
[5] Paġġ. 63 sa 67 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' Mejju, 2003, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2003, li bih u fuq talba mir-rikorrent b'rikors tiegħu tad-29 ta' Mejju, 2003, ċaħdet it-talba tiegħu li tressaq 'il quddiem il-jum tas-smigħ tar-Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2003, li bih u fuq talba oħra tar-rikorrent f'rikors tiegħu tat-3 ta' Lulju, 2003, ikkonfermat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2003;

***Ikkunsidrat:***

Illi bl-azzjoni tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jgħid li l-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti imparzjali nkiser meta tressaq akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta b'għadd ta' akkużi u b'daqstant proċedimenti separati meta l-fatt li dwaru hekk tressaq u ġie mixli kien jikkostitwixxi reat wieħed (reat kontinwat) li jikser l-istess dispożizzjoni tal-liġi[6]. Dan l-ilment issokta jseħħ meta l-imsemmija Qorti (presjeduta mill-istess ġudikant) qieset kull waħda mix-xiljiet bħala każ separat u tat dwarhom sentenzi separati. Billi s-sentenzi sabu ħtija fir-rikorrent, ingħatat piena f'kull sentenza, minflok piena waħda għax-xiljiet kollha, kif ir-rikorrent jippretendi li messu sar biex tiġi mħarsa l-liġi. Minbarra dan, huwa jgħid li hemm proċeduri oħrajn li għadhom qegħdin jinstemgħu mill-imsemmija Qorti (imma presjeduta minn ġudikanti differenti) dwar l-istess fatt. Ir-rikorrent iqis din il-ħaġa wkoll bħala ksur tal-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq u għat-tgwadija tal-liberta' persoali li jissarrfu f'multipliċita' ta' pwieni għall-istess reat u żmien itwal ta' żamma fil-ħabs. Ir-rikorrent jgħid li dan il-ksur reġa' seħħ fl-istadju tal-appell, meta l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede

[6] Art. 18 tal-Kap 9

Inferjuri) ikkonfermat is-sentenzi mogħtijin kontrih mill-ewwel Qorti;

Illi r-rikorrent jgħid li b'dak li seħħ, sar ksur fil-konfront tiegħu tal-artikoli 34 u 39 tal-Kostituzzjoni u tal-artikoli 5 u 6(1) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali, kif illum tagħmel parti mil-liġi Maltija. Huwa għalhekk qiegħed jitlob it-tħassir tal-imsemmija sentenzi, it-twaqqif ta' kull proċediment li għadu pendenti quddiem il-Qorti u li jirreferi għall-istess fatt, u l-għoti ta' rimedju effettiv skond l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jikkonsisti fil-ħelsien minnufih tiegħu mill-ħabs u l-ħlas ta' kumpens xieraq għall-ħsara li ġarrab u t-telf li bata minħabba dawk il-proċeduri;

Illi, għal din l-azzjoni l-intimati laqgħu billi (a) qalu li l-azzjoni hija waħda fiergħa u biex iddejjaq għaliex hija tentativ biex isir appell fit-tielet grad; (b) li din il-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha billi r-rikorrent kellu rimedju ordninarju għall-ilment tiegħu u wżah; (ċ) li l-ebda wieħed mill-ilmenti tar-rikorrent ma jqanqal ksur ta' xi jedd kostituzzjonali jew konvenzjonali, billi kulma jrid jikseb ir-rikorrent huwa li din il-Qorti tagħti tifsira lil-liġi differenti minn dik mogħtija mill-qrati l-oħrajn kompetenti li taw deċiżjoni li m'għoġbotx lir-rikorrenti; (d) li tifsira ta' dispożizzjoni tal-liġi li r-rikorrent ma jaqbilx magħha ma tissarrafx b'daqshekk fi ksur tal-jeddijiet tiegħu fis-sura ta' qorti parzjali jew f'nuqqas ta' smigħ xieraq;

Illi mill-<u>fatti li joħorġu mill-każ</u>, jirriżulta li r-rikorrent tressaq b'arrest fl-20 ta' Mejju, 1997[7] (mhux fil-5 ta' Mejju, kif jingħad bi żball fir-Rikors promotur) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ġie mixli bir-reati hemm imsemmija. Huwa reġa' tressaq quddiem dik l-istess Qorti fit-8 t'Ottubru, 1998[8], u ġie mixli b'sensiela ta' reati oħrajn. Ir-rikorrent tressaq b'arrest għat-tielet darba quddiem dik il-Qorti fit-3 t'Ottubru, 1999[9], u ġie mixli b'reati oħrajn. Hekk ġara fit-30 t'Ottubru, 2000[10], meta r-rikorrent tressaq mill-ġdid b'arrest quddiem dik il-Qorti u mixli b'sensiela

[7] Dok "A", f'paġġ. 8-9 tal-proċess (Kumpilazzjoni 259/97)
[8] Dok "B", f'paġġ. 10-1 tal-proċess (Kumpilazzjoni 621/98)
[9] Dok "Ċ",f'paġġ. 12-3 tal-proċess (Kumpilazzjoni 689/99)
[10] Dok "D", f'paġġ. 14-5 tal-proċess (Kumpilazzjoni 732/00)

oħra ta' reati. Ir-rikorrent reġa' tressaq b'arrest quddiem dik il-Qorti fit-28 ta' Frar, 2001[11], mixli bir-reat ta' falsifikazzjoni ta' firma. Il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat sentenza ta' sejbien ta' ħtija dwar l-ewwel imputazzjoni mressqa kontra r-rikorrent fis-7 ta' Marzu, 2002[12], u sentenza oħra dwar it-tieni imputazzjoni fit-22 ta' Marzu, 2002[13]. Minn kull waħda minn dawn is-sentenzi, r-rikorrent ressaq appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri)[14] li b'sentenzi tagħha tal-21 ta' Ġunju, 2002[15], ikkonfermat iż-żewġ sentenzi tal-ewwel grad. F'xi żmien wara dawk is-sentenzi fit-tieni grad, ir-rikorrent ressaq petizzjoni għall-amnestija quddiem il-President tar-Repubblika[16], liema talba ma ntlaqgħetx[17]. Il-qagħda jidher li ma nbidlitx, minkejja talba għar-rikonsiderazzjoni magħmula f'isem ir-rikorrent[18]. Fil-21 ta' Frar, 2003, ir-rikorrent fetaħ il-kawża li qegħda quddiem din il-Qorti llum;

Illi l-ewwel ħaġa li l-Qorti jeħtiġilha tqis hija l-<u>ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati</u> li biha huma jgħidu li l-azzjoni mibdija mir-rikorrent hija fiergħa u magħmula biss biex iddejjaq. L-intimati jsejsu din l-eċċezzjoni tagħhom fuq dak li huma jqisu bħala l-indeterminatezza tal-ilment tar-rikorrent. Huma jisiltu din il-fehma li r-Rikors promotur huwa vag u li ma joħroġx sewwa minn xiex qiegħed jilmenta r-rikorrent, ħlief li jrid ineħħi minn fuqu l-pwieni ta' ħabs li għalihom ġie kundannat, billi jipprova jerġa' jiftaħ il-każ tiegħu b'din il-proċedura daqslikieku kienet "appell fit-tielet grad". Din il-fehma baqgħu jtennuha sal-waqt tat-trattazzjoni tal-għeluq, u dan minkejja li r-rikorrent kien ressaq Nota spjegattiva biex ifisser il-bażi tal-ilmenti tiegħu;

Illi huwa aċċettat li, bil-kelma "frivola", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex atenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja"

---

[11] Dok "E", f'paġ 16 tal-proċess (Kumpilazzjoni 144/01)
[12] Dok "7", f'paġġ. 54 sa 60 tal-proċess
[13] Dok "4", f'paġġ. 37 sa 43 tal-proċess
[14] Dokti "8" u "5" rispettivament , f'paġġ. 61-2 u 44 sa 48 tal-proċess
[15] Dokti "9" u "6" rispettivament , f'paġġ. 64 sa 67 u 49 sa 53 tal-proċess
[16] Dok "3", mingħajr data, f'paġġ. 34-5 tal-proċess
[17] Dok "1" datat 4 ta' Diċembru, 2002, f'paġ. 31 tal-proċess
[18] Dok "2", datat 13 ta' Jannar, 2003, f'paġġ. 32-3 tal-proċess

wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra[19]. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis-serjeta', manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni"[20];

Illi ta' min jirrileva li l-eċċezzjoni taħt eżami f'din il-kawża tressqet bħala waħda preliminari, u għalhekk il-Qorti se' jkollha tqisha fid-dawl ta' dak biss li jidher mill-atti, fis-sens ta' jekk, mad-daqqa t'għajn, il-kwestjoni mqanqla mir-rikorrent tikkwalifikax bħala waħda sempliċement frivola u vessatorja fis-sens li għadu kif ġie mfisser. Dan qiegħed jingħad għaliex huwa possibbli wkoll (u mhux l-ewwel darba li dan seħħ) li Qorti waslet għall-fehma li l-kwestjoni kienet waħda fiergħa u vessatorja **wara** li kienet stħarrġitha fil-mertu, jiġifieri lil hinn minn sempliċi apprezzament tal-atti proċesswali mal-lemħa. Tant li l-fatt waħdu li Qorti tkun qieset fit-tul u fil-qofol il-materja milquta mit-talba u mbagħad tiddikjara dik it-talba bħala waħda fiergħa jew li ddejjaq ma jġibx dik is-sentenza bħala waħda kontradittorja jew awtomatikament sindakabbli minn qorti tat-tieni grad[21];

Illi għalkemm huwa minnu li r-Rikors li bih infetħet din il-kawża ma kienx għal kollox luċidu fit-tifsira tal-ilment, dan ma baqax il-każ wara li r-rikorrent ressaq in-Nota spjegattiva tiegħu. Huwa minnu, kif sejjer jingħad, li r-rikorrent semma f'dik in-Nota ħwejjeġ li wieħed ma jistax jaċċetta fi proċedura bħal din li għandha quddiemha l-Qorti llum, imma huwa minnu wkoll li l-binja tal-ġrajjiet marbuta mal-akkużi li tressqu kontrih u l-proċedimenti li seħħew wara m'hijiex waħda li tidher la fiergħa u lanqas maħsuba biex iddejjaq mingħajr raġuni lill-parti l-oħra. Ċertament jeħtieġ li wħud mill-ilmenti tar-rikorrent jiġu mistħarrġa sewwa, qabel ma l-Qorti taqbad u twarrabhom;

---

[19] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[20] Kost. **10.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.126**)
[21] Ara Kost. **17.1.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Azzopardi vs Reġistratur tal-Qorti et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.4**)

Illi lanqas ma jidher mistħoqq l-argument tal-intimati li l-proċedura hija fiergħa u vessatorja għaliex hija tentativ mistur mir-rikorrent biex joħloq it-"tielet appell". F'dan il-każ, il-mottiv ma jistax jittieħed b'qies fl-eżami tal-eċċezzjoni, għaliex ċertament m'huwiex il-każ li biex il-Qorti teżamina kif imiss l-ilment tar-rikorrent se' jkun jeħtiġilha tabilfors terġa' tiftaħ il-każ li huwa ta' kompetenza ta' l-Qorti li tat is-sentenzi. Għall-kuntrarju, kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, din il-Qorti tagħmilha ċara li tagħraf li l-funzjoni tagħha fil-vesti tagħha kostituzzjonali m'għandha bl-ebda mod tinbidel f'qorti li tissindaka l-mertu ta' kawżi li bil-liġi jaqgħu fil-kompetenza ta' qrati oħrajn. B'daqshekk, madankollu, ma jfissirx li ma jeżistux toroq oħrajn li minnhom imissu jiġi eżaminat l-ilment tar-rikorrent, kif l-intimati donnhom iridu jagħtu 'l wieħed x'jifhem;

Għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li ma ntwerietx raġuni tajba għaliex għandha tilqa' din l-eċċezzjoni, u sejra tiċħadha;

Illi l-intimati ressqu wkoll l-<u>eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha</u> ladarba r-rikorrent kellu rimedju disponibbli għalih minflok li jiftaħ din il-kawża. Minħabba li r-rikorrent qiegħed iressaq ilmenti ta' ksur ta' jeddijiet kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, li t-tnejn jużaw l-istess kliem għalkemm mhux it-tnejn jorbtu bl-istess mod lill-Qorti fl-użu tad-diskrezzjoni tagħha[22];

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u obbjettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta'**

[22] Ara Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)

**fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[23]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[24];

Illi meta jingħad li jkun hemm riemedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[25]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit,

---

[23] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[24] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***
[25] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[26];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[27]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[28];

Illi hemm fehma awtorevoli oħra li trid li, fil-qasam ta' dritt kostituzzjonali, il-ksur tal-jedd fondamentali taħt eżami jista' u kellu jissewwa b'rimedju xieraq kull meta l-parti mġarrba tagħti prova li dan seħħ, u dan indipendentement mill-andament li jkunu ħadu l-proċeduri li dwarhom jitqajjem l-ilment tan-nuqqas ta' smigħ xieraq, u indipendentement minn jekk il-persuna mġarrba irrikorrietx għar-rimedji ordinarji disponibbli lilha. Mhux hekk biss, iżda ngħad ukoll li fejn il-ksur tad-dritt, kif ippruvat, kien ġab miegħu iċ-ċaħda tal-liberta' personali tal-persuna, għal xi raġuni li tkun imqar jekk minħabba żball ta' ħaddieħor u mhux bi ħtija tagħha, il-Qorti m'għandha qatt teżerċita d-diskrezzjoni tagħha li ma teżerċitax is-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' l-ilment[29];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju

[26] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[27] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[28] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)
[29] Kost. **20.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.370**)

kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' meżżi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija meżżi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[30]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[31];

Illi l-eċċezzjoni taħt eżami, kif imfassla, tidher xi ftit paradossali, għaliex l-intimati qegħdin jgħidu li din il-Qorti jmissha tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha peress li "r-rikorrent kellu rimedju ordinarju u effettiv li addirittura adoperah". Jekk huwa minnu li dan hu l-każ, allura ma

---

[30] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[31] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

hemmx raġuni għaliex din il-Qorti għandha tieqaf milli teżerċita s-setgħat tagħha li tqis l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent, billi kjarament, għalih, dak ir-rimedju mfittex u meħud ma ħelsux mill-ksur tal-jedd fondamentali li huwa llum jgħid li ġarrab. L-intimati ma jidhirx lanqas li fissru lill-Qorti x'kien ir-rimedju meħud mir-rikorrent;

Illi, madankollu, l-Qorti ssib li, għall-anqas f'parti mill-ġrajjiet kollha li seħħu f'dan il-każ u skond il-kriterji hawn iżjed 'il fuq imfissra dwar l-applikabilita' tad-diskrezzjoni, jeżistu raġunijiet tajba biex il-Qorti tagħżel li ma teżerċitax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment tar-rikorrent. Dan jgħodd fil-każ tal-ilmenti tiegħu dwar l-imġiba u l-operat tal-Qorti tal-Maġistrati fil-każ taż-kawżi maqtugħin u kif ukoll fil-każ tal-proċeduri l-oħrajn li għadhom qegħdin jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, fejn ir-rikorrent jgħid li hemm il-biżgħa li l-jeddijiet tiegħu kostituzzjonali u konvenzjonali sejrin jinkisru;

Illi għar-rigward tal-ewwel (jiġifieri l-ilmenti fir-rigward tal-Qorti tal-Maġistrati sal-għoti tas-sentenzi tagħha ta' s-7 u tat-22 ta' Marzu, 2002, rispettivament), ir-rikorrent kellu l-jedd li jattakka fil-mertu l-applikazzjoni mhux korretta tal-liġi fir-rigward tiegħu jekk ħass li din kienet tiksirlu l-jedd kostituzzjonali għal smigħ xieraq. Minkejja li appella miż-żewġ sentenzi, u kif jidher mir-rikorsi tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, baqa' għal kollox sieket dwar l-ilmenti li llum huma l-qalba tar-rikors tiegħu. Dak kien rimedju ordinarju effettiv, disponibbli u magħruf mir-rikorrent li għażel li ma jsegwix[32]. Meħud dan in-nuqqas fid-dawl tal-kriterji riġidi ta' ***Spiteri*** hawn fuq imsemmija, l-Qorti ssib li n-nuqqas ta' teħid tar-rimedju disponibbli ikkontirbwixxa għalih l-istess rikorrent. Lanqas jista' jingħad li r-rimedju ma ntużax minħabba l-operat ta' terza persuna li żammitu milli jirrikorri għalih, u dan għaliex jidher mill-atti wkoll li, għallanqas fl-istadju tal-appell u meta l-ilment suppost kien diġa' tnissel, kien mgħejjun legalment mill-istess avukat li llum tidher għalih f'dawn il-proċeduri;

[32] Ara P.A. Kost **12.9.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Theuma vs Avukat Ġenerali***

Illi għar-rigward tat-tieni (jiġifieri l-proċeduri li għadhom għaddejjin dwar l-akkużi l-oħrajn quddiem il-Qrati tal-Maġistrati diversament komposti) l-kwestjoni tista' tkun xi ftit iżjed komplikata. Huwa u għadu possibbli li r-rikorrent jieħu r-rimedji proċedurali disponibbli lilu fil-kawżi li qegħdin jinstemgħu quddiem dawk il-Qrati bħala rimedju effettiv għall-ilmenti tiegħu. Huma rimedji aktar attinenti (fil-kontenut u wkoll fis-sustanza) għall-materja li taqa' fil-kompetenza ta' dawk il-Qrati u li din il-Qorti, fis-setgħat attwali tagħha, hija miżmuma mil-liġi milli tqis. Huwa minnu li dawk il-Qrati, skond ir-rimedju li r-rikorrent jista' jitlob, jistgħu jikkunsidraw li jagħmlu riferenza kostituzzjonali lil dawn il-Qrati, imma jistgħu ukoll iqisu li l-kwestjoni tkun waħda fiergħa u vessatorja, u b'hekk jingħalaq l-episodju. Il-verita' hi li, x'aktarx fid-dawl tad-deċiżjoni li tkun xi tkun sejra tittieħed f'din il-kawża, il-kwestjoni tal-preġudizzju li r-rikorrent jibża' li sejjer iġarrab bl-eżistenza tal-proċeduri li għadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ser tkun milquta wkoll;

Illi min-naħa l-oħra, l-Qorti ma tistax tifhem kif l-eċċezzjoni taħt eżami tista' tapplika fil-każ tal-ilment tar-rikorrent indirizzat lejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. X'inhu r-rimedju ordinarju li r-rikorrent kellu f'dak l-istadju ? X'miżura rimedjali adopera ? Jekk l-intimati jqisu li r-rimedju kien it-talba lill-President għall-maħfra presidenzjali jew għall-klemenza, din il-Qorti ma tistax taċċetta li twarrab l-eżerċizzju tas-setgħat tagħha kostituzzjonali fuq daqshekk. Tali rimedju kien iwassal biss biex itemm il-proċess kriminali, imma mhux li jindirizza kwestjoni ta' lment ta' natura kostituzzjonali[33];

Illi, għalhekk, u limitatament safejn l-ilment tar-rikorrent jiffereri għall-proċedimenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, il-Qorti m'hijiex qegħda tilqa' l-eċċezzjoni li tieqaf milli tisma' l-kawża billi kien hemm rimedju ieħor x'jittieħed, għalkemm issibha mistħoqqa dwar l-ilmenti l-oħrajn fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

---

[33] Kost. **16.10. 2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

Illi qabel ma jsir l-istħarriġ tal-ilmenti tar-rikorrent, u fid-dawl tal-eċċezzjoni ewlenija fil-mertu mressqa mill-intimati, jidher xieraq li l-Qorti (kif semmiet iżjed 'il fuq) tagħmel xi kostatazzjonijiet dwar x'inhu r-rwol u x'inhuma l-limiti li jitqegħdu fuqha mil-liġi biex tistħarreġ ilment ta' natura kostituzzjonali dwar smigħ xieraq li jkun jolqot l-operat ta' Qorti jew tribunal. Dan l-eżerċizzju huwa meħtieġ biex jintgħarblu l-kwestjonijiet li jkunu tressqu quddiem din il-Qorti u jinżammu biss dawk li huma essenzjalment fis-setgħa tagħha li tqis u tiddeċiedi dwarhom, filwaqt li jitwarrbu l-oħrajn kollha;

Illi l-intimati jisħqu li din il-Qorti ma tibdilx lilha nnifisha f'qorti tat-"tielet appell" u jemmnu li dak li r-rikorrent irid jagħmel bil-kawża tiegħu huwa sewwasew dan. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent jiċħad dan il-mottivi attribwit lilu, filwaqt li jaqbel li din il-Qorti ma tibdilx lilha nnifisha f'qorti li terġa' tiftaħ il-mertu deċiż minn qorti oħra kompetenti. Il-qofol tad-differenza bejn iż-żewġ naħat jidher li hija dwar il-fehma tagħhom dwar il-limiti safejn din il-Qorti tista' tasal;

Illi l-kwestjoni dwar il-limiti tas-sindakabilita' tal-qrati ta' indoli kostituzzjonali fuq l-imġiba ta' qrati oħrajn f'ilmenti dwar nuqqas ta' smigħ xieraq m'hijiex waħda ġdida u jeżistu prinċipji stabiliti msawrin ukoll mill-prattika u deċizjonijiet tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ewlenija fosthom hemm ir-regola li kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali m'humiex miżmuma milli jiddeċiedu, meta jkun il-każ, li xi Qorti oħra tkun mixlija li kisret xi wieħed mill-jeddijiet fondamentali tal-bniedem, imqar jekk dik il-Qorti l-oħra tkun il-Qorti Kostituzzjonali stess[34];

Illi din is-setgħa wiesgħa hija, madankollu, limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali m'għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikkommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom[35]. Hija setgħa limitata biex tqis jekk il-

[34] Kost. **6.4.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.74**)

[35] P.A. Kost. RCP **2.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Domenico Savio Spiteri vs Avukat Ġenerali et***

proċediment li minnu tressaq ilment ta' nuqqas ta' smigħ xieraq kienx tassew wieħed imparzjali u "skond il-liġi"[36];

Illi f'dan l-istadju l-Qorti jidhrilha li għandha tiċċita fehma ċara murija mill-Qorti Kostituzzjonali f'okkażjoni li tixxiebah ma' din li għandha l-Qorti quddiemha llum, u li tagħti ħjiel tal-parametri safejn din il-Qorti tista' tibqa' sejra biex tistħarreġ allegat ksur ta' dritt fondamentali mwettaq minn Qorti oħra. Ingħad hekk:

"*Allaħares kellu jiġi ammess il-prinċipju illi r-rimedju għal meta, per eżempju Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali, tifhem ħażin il-liġi u tapplika u tinterpreta dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali jew ta' xi liġi penali oħra b'riżultat ta' liemadak li jkun jnistab ħati, allura awtomatikament jitwieled id-dritt kostituzzjonali ta' rimedju minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq. Dan ikun jammonta għal interpretazzjoni kompletament novella pero' li qatt ma ġiet aċċettata anqas fi Strasbourg ta' x'verament ifisser id-dritt ta' smigħ xieraq. ..... Ċertament, kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali m'humiex preklużi milli jiddeċiedu, meta jkun il-każ, illi xi Qorti oħra tkun illediet xi wieħed mid-drittijiet fondamentali tal-individwu - deċiżjonijiet li bħalhom ittieħdu diversi drabi kemm f'dak li jirrigwarda per eżempju liberta' provviżorja kif ukoll f'dak li jirrigwarda smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, fost każijiet oħra. Pero', altru d-dover tal-Qorti Kostituzzjonali jew tal-Prim'Awla bħala Qorti ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali oriġinali li jinvestu ċerti ilmenti kostituzzjonali dwar allegati vjolazzjoni(jiet) minn Qrati oħra, u altru dak li qed jippretendi l-appellant u li ċjoe' jidħol fid-dettal f'dik li hija applikazzjoni ta' liġi li ma hemmx kwestjoni dwar jekk teżistix jew u sa l-estremita' jekk dik il-liġi partikolari kinitx applikabbli għall-każ kriminali pendenti quddiem dik il-Qorti*"[37];

Illi dawn ir-riflessjonijiet huma ta' siwi mhux traskurabbli fil-każ li għandha quddiemha llum;

---

[36] P.A. Kost. VDG **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

[37] Kost **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Micallef vs Avukat Ġenerali et***

Illi dan iwassal lill-Qorti biex tgħid li, fil-każ preżenti, safejn ir-rikorrent qiegħed isejjes l-ilmenti tiegħu fuq it-tifsira żbaljata li ngħatat fl-applikazzjoni tal-artikolu tal-Kodiċi Kriminali dwar ir-reat kontinwat, dan qiegħed jistieden lil din il-Qorti biex tiftaħ mill-ġdid (għalkemm fis-sewwa jrid jingħad li r-rikorrent ma jidhirx li qatt qanqal il-kwestjoni formalment f'xi waqt matul is-smigħ tal-kawżi sa ma ngħataw is-sentenzi li qiegħed jattakka llum) il-kwestjoni ta' interpretazzjoni jew applikazzjoni ta' liġi li kienet taqa' fis-setgħat tal-qrati kompetenti. Din l-istedina qegħda tiġi bil-qawwa rifjutata, u l-istħarriġ tal-ilment tar-rikorrent sejjer isir biss fuq l-aspetti li din il-Qorti għandha s-setgħa li teżamina, kif fuq imfisser;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent fil-mertu meqjusa fid-dawl tal-kjarifiki li saru. Ir-rikorrent jgħid li l-ilmenti tiegħu jinbnew fuq: (i) ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni abbinat mal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, billi s-sentenza mogħtija fit-tieni kawża[38] naqset li tħares il-liġi sostantiva tal-pajjiż minħabba interpretazzjoni ħażina tal-liġi; (ii) ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni bil-ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* li nħoloq meta ngħatat piena fit-tieni sentenza dwar fatti li r-rikorrent kien diġa' nstab ħati dwarhom fl-ewwel sentenza; (iii) riskju ta' ksur ta' jedd fondamentali mħares bl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni, u dan billi kull proċediment kontrih li għadu pendenti quddiem il-Qrati huwa ksur tal-istess prinċipju; (iv) ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, minħabba ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq quddiem Qorti imparzjali; (v) ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, konsistenti fil-ksur tad-dritt għar-rimedju effettiv billi l-liġi tagħna ma tipprovdix għar-rimedju tar-ritrattazzjoni minn sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali; (vi) riskju tal-ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni f'każ li "**n-non applikazzjoni ta**l-benefiċċju tal-artikolu 18 mill-Qrati ta' Ġudikatura Kriminali fuq it-tieni sentenza jiġi interpretat bħala interpretazzjoni ħażina tal-liġi" (*sic.*);

[38] App. 64/00, f'"Ċini II"

**<u>A - Ksur tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 5 tal-Konvenzjoni</u>.**

Illi dawn iż-żewġ provvedimenti jitkellmu dwar il-jedd ta' persuna li tgawdi ħelsien minn arrest jew żamma (detenzjoni) arbitrarja u li tgawdi l-ħelsien u s-sigurta' tagħha. L-artikolu 34 jsemmi, bħala waħda mill-eċċezzjonijiet għall-imsemmi dritt, id-detenzjoni fl-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' Qorti, f'Malta jew band'oħra, dwar reat kriminali li tiegħu persuna tkun instabet ħatja[39]. L-artikolu 5 jsemmi, dejjem bħala każ eċċettwat għad-dritt, iż-żamma skond il-liġi ta' persuna wara li tinstab ħatja minn Qorti kompetenti[40];

Illi r-rikorrent isejjes l-aggravju tiegħu dwar din ir-ras billi jgħid li, s-sentenzi li minnhom qiegħed jilmenta l-ksur tal-jedd fondamentali ntiegħu ma ħarsux il-liġi sostantiva tal-pajjiż. L-aggravju hekk imsejjes jidher li huwa tentativ biex din il-Qorti tikkonsidra jekk is-sentenza li r-rikorrent jilmenta minnha kisritx il-liġi sostantiva tal-pajjiż bin-nuqqas li tapplika, kif jifhmu hu, l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Fl-istess waqt, ir-rikorrent imkien ma jgħid li dan l-ilment ma kien fl-ebda waqt imqanqal, trattat jew diskuss sakemm ingħatat is-sentenzia msemmija. Diġa' ngħad u tfisser x'inhuma s-setgħat ta' din il-Qorti f'dawn il-proċeduri, u ma jidhrilha li għandha tagħmel l-ebda evalwazzjoni dwar x'messha kienet l-interpretazzjoni xierqa tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali għall-każ tar-rikorrent;

Illi fuq kollox l-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni ma japplikawx fejn iż-żamma tkun waħda legali. Ir-rikorrent iressaq l-argument li jekk is-sentenza mhix "legali", daqstant ieħor ma tista' qatt tkun legali ż-żamma tiegħu fil-ħabs bis-saħħa u in eżekuzzjoni tal-istess sentenza. Dan huwa argument li ta' min wieħed jistħarrġu, u dan minħabba l-fatt li l-kelma "legali" tfissret kemm f'termini proċedurali u kif ukoll f'termini ta' dritt sostantiv[41]. Ir-rikorrent m'huwa bl-ebda mod jilmenta

---

[39] Art. 34(1)(b)
[40] Art. 5(1)(a)
[41] Ara ECHR **24.10.1979** fil-kawża ***Winterwerp vs The Netherlands*** (Applik. Nru 6301/73) par. 39

minn illegalita' proċedurali taħt din ir-ras, imma minn waħda sostantiva u dan fis-sens fuq imfisser. Min-naħa l-oħra, fejn jista' jirriżulta ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni fi proċeduri kriminali li jwasslu għas-sejbien ta' ħtija u żamma f'ħabs, dak l-arrest innifsu ma jibqax ġustifikat legalment u anqas jibqa' jgawdi l-eżenzjoni maħsuba fl-artikolu 5(1)(a). Madankollu, dan l-istħarriġ irid isir meta jitqies ir-raba' lment tar-rikorrent aktar 'l isfel;

Illi, għall-finijiet tal-indaġni li qegħda ssir, irid jingħad li, minħabba li l-artikolu 5(1)(a) jitkellem dwar "detenzjoni skond il-liġi" u mhux dwar "sejbien ta' ħtija skond il-liġi", l-istess artikolu ma jagħtix il-jedd lil qorti ta' indoli kostituzzjonali li tistħarreġ il-legalita' tas-sejbien tal-ħtija jew imqar tas-sentenza jew it-tul taż-żmien ta' detenzjoni ordnat bis-saħħa tagħha[42]. Jidher li b' "legalita'" għall-finijiet tal-artikolu 5(1), wieħed għandu jifhem in-nuqqas ta' arbitrarjeta' fis-sens li ż-żamma f'ħabs trid tkun l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija minn qorti[43] li tkun sabet persuna ħatja ta' akkuża mressqa fil-konfront tagħha u dment li l-qorti tkun waħda mogħtija s-setgħa li tisma' dik il-kawża. Ir-rabta bejn is-sejbiet tal-ħtija u ż-żamma tal-persuna hija essenzjali. Iżda iżjed minn hekk m'huwa mitlub xejn, għall-finijiet tal-eżenzjoni maħluqa bl-artikolu 34(1) tal-Kostituzzjoni u 5(1) tal-Konvenzjoni;

Illi, fil-każ preżenti, r-rikorrent ma wera bl-ebda mod li kien hemm xi nuqqas ta' xi wieħed mill-prinċipji hawn fuq imsemmija dwar jekk kienx hemm sentenza ta' qorti kompetenti u dwar jekk il-kundanna tiegħu għal żmien fil-ħabs kinitx effett dirett tas-sejbien ta' ħtija fih f'dik is-sentenza;

Illi, għalhekk, l-ilment tar-rikorrent mibni fuq il-ksur tal-artikoli 34 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni ma jidhirx mistħoqq u m'huwiex sejjer jintlaqa';

## B – Ksur tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni

[42] Ara ECHR **2.3.1987** fil-kawża ***Weeks vs U.K.*** (Applik. Nru. 9787/82) par. 50
[43] Ara ECHR **24.6.1982** fil-kawża ***Van Droogenbroeck vs Belgium*** (Applik. Nru. 7906/77) par 35

Illi l-imsemmi sub-artikolu jipprovdi li ebda persuna li tkun għaddiet minn proċeduri quddiem qorti kompetenti għal reat kriminali u ngħatat sentenza dwar dak ir-reat ma għandha terġa' tgħaddi minn proċeduri oħrajn għall-istess reat jew għa xi reat ieħor li għalih setgħet tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri tal-ewwel, jekk mhux wara ordni ta' qorti superjuri mogħti waqt is-smigħ tal-appell jew fi proċedura ta' reviżjoni fi jew dwar il-proċeduri tal-ewwel. Dan is-sub-artikolu jagħmel parti mill-artikolu tal-Kostituzzjoni li jħares id-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi mogħti lil kull persuna akkużata b'reat;

Illi l-imsemmija dispożizzjoni hija riflessa fl-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u li llum il-ġurnata jagħmel ukoll parti mil-liġi ta' Malta[44];

Illi hawn wieħed qiegħed jitkellem dwar il-prinċipju tan-*ne bis in idem* li huwa meqjus bħala element ewlieni biex jiġi assikurat smigħ xieraq lil persuna u li jagħmel parti sħiħa mill-assjem ta' garanziji mogħtijin taħt dak id-dritt li jobbliga lill-Istat li jiggarantixxi lil kull persuna mixlija b'reat. Kif ingħad, dan is-sub-artikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa' lill-persuna mixlija sewwasew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għal-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali[45]. Ġie stabilit ukoll[46] li d-dispożizzjoni tal-artikolu 39(9), għall-kuntrarju ta' dak li jipprovdi l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, titfa' fuq il-persuna mġarrba l-piż li tipprova li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u li tkun ingħatat sentenza lilha dwar dak ir-reat;

Illi, fil-każ preżenti, dan il-piż ta' prova twettaq mir-rikorrent li wera lill-Qorti li ngħatat iżjed minn sentenza waħda dwar dak li huwa jsejjaħlu l-istess reat. Imma huwa jibni l-ilment tiegħu fuq l-argument li ż-żewġ xiljiet li (s'issa)

[44] Bis-saħħa tal-Att XXI tal-2002, li daħal fis-seħħ fit-12 t'Ottubru, 2002 (A.L. 311/2002)
[45] Kost. **20.11.2000** fil-kawża ***Spiteri vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.370** a fol 384)
[46] *Ibid.* a fol. 382-3

nstab ħati dwarhom kienu fil-fatt xilja dwar l-istess reat. Huwa jżid jgħid li dak li ġie misjub ħati dwarhom messhom tqiesu mill-Qorti bħala reat kontinwat wieħed magħmul bl-istess riżoluzzjoni, ukoll jekk fi żminijiet differenti;

Illi biex għamel din il-kostatazzjoni, ir-rikorrent donnu qiegħed issa jaċċetta s-saħħa tas-sentenza li ngħatat l-ewwel[47] u hekk konfermata mill-Qorti tal-Appell[48]. Minħabba li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* jimplika tabilfors li tkun teżisti sentenza li tiswa (għalkemm m'hux bilfors tkun waħda li fiha l-akkużat ikun instab ħati) bħala ostaklu għal proċedura dwar l-istess reat warajha, ma jistax allura ma jinftiehemx ukoll li biex is-sottomissjoni tar-rikorrent tista' tintlaqa' irid jiġi aċċettat li s-sentenza li ngħatat l-ewwel ma tiġix kontestata;

Illi hawnhekk ukoll, il-Qorti qegħda żżomm 'il bogħod milli tidħol fi stħarriġ ta' jekk l-imputazzjonijiet imressqin fil-konfront tar-rikorrent messhomx tqiesu minn min hu konċernat (f'dan il-każ, il-prosekuzzjoni fil-persuna tal-Pulizija Esekuttiva) bħala reat kontinwat u formulati f'akkuża waħda. Jingħad biss li ġie deċiż li jekk il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat id-diversi infrazzjonijiet addebitati lil persuna bħala reat kontinwat u ġabrithom kollha fl-istess kawża bħala reat kontinwat, il-Qorti kienet marbuta tabilfors marbuta li tagħti sentenza separata f'kull kawża, bl-uniku rimedju (għall-persuna akkużata) jkun li, **jekk il-Qorti tara li d-diversi akkużi kellhom jitqiesu bħala reat kontinwat** f'kawża waħda, il-Qorti setgħet timmodera u tadatta l-piena għaċ-ċirkostanzi[49];

Illi dan juri mingħajr dubju li l-liġi tagħti lill-Qorti d-diskrezzjoni li tqis jekk għadd ta' akkużi magħmulin fil-konfront tal-istess persuna jikkwalifikawx għall-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali. Dik id-diskrezzjoni hija waħda mħollija mil-liġi fil-Qorti kompetenti li tisma' dawk il-kawżi. Fil-każi li maqtugħa li jirrigwardaw

[47] "Ċini I", Dok "K7" f'paġġ. 54 sa 60 tal-proċess
[48] Dok "6", f'paġġ. 49 sa 53 tal-proċess
[49] Ara App. Krim Inf. **3.11.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Galea*** (Kollez. Vol: **LXXIX.v.1685**) u App.Krim.Inf. **5.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ċini*** (Kollez. Vol: **LXXX.iv.228**)

lir-rikorrent, il-Qorti, fiż-żewġ istanzi, kienet komposta mill-istess ġudikant. Kif jgħid ir-rikorrent innifsu, ma jistax ikun li f'kull ċirkostanza, l-imsemmi ġudikant ma kienx jaf bl-akkużi miġjubin kontra r-rikorrent u li dawn l-akkużi kienu iżjed minn waħda. Kemm hu hekk, fl-istadju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-kawżi ġew imsejħin, rispettivament, "Ċini I" u "Ċini II". Filwaqt li fl-istadju tal-Appell, iż-żewġ sentenzi ngħataw fl-istess udjenza. Dan ifisser, fil-fehma ta' din il-Qorti, li ż-żewġ Qrati sabu, fid-diskrezzjoni tagħhom, li ma kienx il-każ li jqisu ż-żewġ proċedimenti bħala kostitutivi ta' reat kontinwat jew li japplikaw moderazzjoni jew adattazzjoni tal-piena skond il-każ. Kemm hu hekk, qari tas-sentenzi relattivi juri fil-fatt li kull Qorti li tat is-sentenzi li minnhom jilmenta r-rikorrent ħadet qies tal-kwestjoni tal-artikolu 18 tal-Kap 9, imma fi ħdan il-każ partikolari ta' kull waħda mill-imputazzjonijiet. Ifisser ukoll, għall-finijiet tan-*ne bis in idem,* li huma (jiġifieri l-Qrati) qiesu li t-tieni proċediment ma kienx il-*bis* billi l-ewwel proċediment ma kienx *idem*;

Illi, kif ingħad, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li huwa fl-aħħar mill-aħħar il-moderatur tal-proċeduri tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-meżżi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-meżżi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq[50];

Illi imissu jingħad li l-Qorti Kriminali ma kellha l-ebda obbligu li tqis l-aspetti ta' meritu li ma jkunux tqajmu fl-istadju xieraq tal-proċess. Għall-kuntrarju, jista' jingħad li l-Qorti kienet miżmuma milli tagħmel dan taħt piena li tkun iddeċidiet *extra petita*. Fin-nuqqas ta' eċċezzjoni speċifika dwar il-punt ta' dritt li minnu jilmenta r-rikorrent f'din il-kawża u li ma ġietx sollevata quddiem dik il-Qorti f'ebda waqt sal-għoti tas-sentenzi, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kienet ġustifikata li ma tistħarriġx dak li ma ġiex eċċepit jew imqar trattat[51];

---

[50] Ara Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.417**)

[51] Ara Kost. **20.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Aġius vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.452**)

Illi fuq dawn ir-riżultanzi, għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab xi ksur tal-jeddijiet tiegħu taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u għalhekk l-ilment tiegħu taħt din il-kawżali ma jirriżultax mistħoqq;

**Ċ - Riskju ta' ksur tal-artikolu 39(9) u tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll dwar il-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati**

Illi għar-raġunijiet imsemmija aktar qabel f'din is-sentenza, il-Qorti m'hijiex sejra teżerċita s-setgħat tagħha li tqis l-ilmenti tar-rikorrent dwar il-proċedimenti li għadhom qegħdin jinstemgħu fil-Qorti tal-Maġistrati. Minbarra dan, minn kliem ir-rikorrent innifsu, bħalissa jiddependi mill-għamla ta' difiża li beħsiebu jressaq fl-imsemmija proċeduri jekk ir-riskju tal-ksur minnu lamentat isirx rejalta'. L-eżistenza waħedha ta' aktar minn proċediment wieħed ta' akkuża fl-istess żmien kontra l-istess persuna ma hijiex raġuni li fiha nfisha tnissel biżgħa ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, ukoll kieku tali proċedimenti kienu qegħdin jinstemgħu mill-istess ġudikant. Fi kliem ieħor, ma jistax jiġi meqjus, bil-fatt biss tal-eżistenza ta' aktar minn proċediment wieħed, li l-proċedment se' jikkawża ksur ta' l-jedd tas-smigħ xieraq. B'mod partikolari, il-Qorti ma jidhrilhiex li tista' twaqqaf proċediment debitament kostitwit fuq il-biżgħa ta' x'jista' jiddeċiedi jew ma jiddeċidix il-ġudikant li jkun;

Għalhekk ukoll, din il-Qorti ssib raġuni tajba biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha f'din il-proċedura biex tqis l-ilment taħt din il-kawżali;

**D - Ksur tad-dritt għal smigħ xieraq skond l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**

Illi r-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu taħt din ir-ras fuq l-allegazzjoni ta' parzjalita' murija mill-ġudikant fil-proċedimenti li huwa qiegħed jattakka. Speċifikatament, huwa jqis bħala suspetta l-imġiba tal-ġudikant li sema' l-każi tiegħu fil-Qorti tal-Appell Kriminali. L-artikolu 39(1)

tal-Kostituzzjoni jipprovdi li persuna li titressaq quddiem qorti mixlija b'reat kriminali, u sakemm tali xilja ma tiġix irtirata, għandu jingħata smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Min-naħa tiegħu, l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jgħid li fid-deċiżjoni ta' xilja kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrent la qiegħed isejjes l-ilment tiegħu fuq l-imparzjalita' kostitutiva jew l-indipendenza tal-Qorti li ġġudikatu[52], u lanqas dwar jekk dik il-Qorti hijex imwaqqfa b'liġi. Dwar dawn l-aspetti, għalhekk, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħmel l-ebda stħarriġ;

Illi jista' jingħad li l-garanziji minimi msemmija fl-artikolu 6(1) huma l-anqas garanziji li persuna mixlija b'reat kriminali għandha x'tistenna li tingħata fil-proċediment li tkun imdaħħla fihom: ingħad b'awtorita' mill-Qorti ta' Starsbourg li l-jedd għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali huwa wieħed miftuħ, mogħni bil-possibilita' li jiġbor fih jeddijiet oħrajn li dak l-artikolu speċifikatament ma jsemmix[53]. Fost dawn, wieħed isib id-dritt għal smigħ fil-preżenza tal-imputat[54] u għal dak li huwa magħruf bħala l-prinċipju tal-"*equality of arms*"[55];

Illi meta wieħed jiġi biex iqis kif japplika l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni b'rabta mal-Qorti tal-Appell, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti[56];

---

52 Ara ECHR **28.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Campbell and Fell vs U.K.*** (Applik. Nru. 7819/77) par. 78

53 Ara Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 202-3

54 Ara ECHR **26.9.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Diennet vs France*** (Applik. Nru. 18160/91) par. 33-5

55 Ara ECHR **17.1.1970** fil-kawża fl-ismijiet ***Delcourt vs Belgium*** (Applik. Nru. 2689/65) par 28; u **16.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Rowe and Davis vs U.K.***(Applik. Nru. 28901/95) par 60-2

56 Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

Illi jidher li meta quddiem il-Qrati Maltin[57] tqanqlet il-kwestjoni tal-parzjalita' ta' ġudikant bħala okkażjoni ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq, kellu jintwera għas-sudisfazzjon ta' din il-Qorti li, fil-każ partikolari, jeħtieġ jirriżultaw flimkien żewġ kwalitajiet ta' parzjalita', jiġifieri dik suġġettiva u dik oġġettiva. B'tal-ewwel, wieħed jifhem id-dispożizzjoni u konvinċiment partikolari tal-ġudikant li jkun, u, b'tat-tieni, jekk il-ġudikant li jkun kienx jagħti garanziji biżżejjed li jneħħi kull dubju leġittimu li l-konvinċiment personali tiegħu fil-każ ma kienx wieħed suspett. Minħabba li teżisti l-presunzjoni li ġudikant huwa imparzjali sakemm ma jintweriex mod ieħor[58], min jallega l-parzjalita' ta' ġudikant irid jipprova tali parzjalita' fil-fatt u mhux biss iqanqal dubju leġittimu b'inferenza jew sempliċi biżgħa[59];

Illi r-rikorrent wera li fehem dan id-dmir ta' prova u jressaq l-argument li fil-każ tiegħu, seħħlu juri kemm parzjalita' soġġettiva u kif ukoll oġġettiva. Dan huwa jsibu f'xi rimarki li ntgħamlu fis-sentenzi li hu jilmenta minnhom, u kif ukoll f'ċirkostanzi oħrajn li huwa jgħid li juru li l-ġudikant ma kienx imparzjali miegħu. Fost dawn iċ-ċirkostanzi, huwa jsemmi l-fatt li quddiem l-istess Qorti kien hemm żewġ każijiet dwaru li jolqtu l-istess reat; u jsemmi wkoll li m'hemmx qbil bejn dak li ġie deċiż fis-sentenzi mogħtijin dwaru u sentenza oħra li l-istess Qorti kienet tat xi żmien qabel dwar il-kunċett tar-reat kontinwat. Ir-rikorrent jisħaq li dawn iċ-ċirkostanzi jtappnu bil-kbir l-aspett oġġettiv tal-imparzjalita' meħtieġa għall-ħarsien tal-jedd tiegħu ta' smigħ xieraq;

Illi dwar dawn l-ilmenti l-Qorti ħasbet sewwa, u riedet taċċerta ruħha li kienet qegħda tifhem sewwa x'irid jimplika r-rikorrent. Dan għaliex wara li jelenka r-raġunijiet li għalihom iħoss li ma ngħatax smigħ xieraq quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, jgħaddi għal sensiela ta' mistoqsijiet retoriċi maħsuba biex jiflu jekk, f'dawk iċ-ċirkostanzi, dik il-Qorti setgħetx titqies imparzjali u x'seta'

---

[57] Ara Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Xavier Mifsud vs Avukat Ġenerali***

[58] Ara ECHR **23.6.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***LeCompte, van Leuven and De Meyere vs Belgium*** (Applik. Nru. 6878/75) par 58

[59] Harris, O'Boyle & Warbrick *op. cit.*, paġ. 235

kien għaddej f'moħħ il-ġudikant li kien qiegħed jippresjedi dik il-Qorti. Fi kliem ieħor, ma jidhirx li l-ilmenti partikolari kienu jirrigwardaw l-aspett ta' imparzjalita' oġġettiva, iżda dik suġġettiva;

Illi dwar dan, il-Qorti diġa' semmiet aktar 'il quddiem li m'huwiex biżżejjed li dan il-kriterju ta' imparzjalita' jissemma bħala sempliċi suspett: jeħtieġ li jkun ippruvat kif imiss. Kulħadd jista' jidħollu suspett li l-ġudikant li jkun ta sentenza li l-eżitu tagħha ma jintgħoġobx minn xi parti, sata' ma kienx imparzjali. Imma dan m'huwiex biżżejjed biex iwassal għas-sejbien ta' ċirkostanza ta' imparzjalita' jew ta' smigħ xieraq. Kif ingħad mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'deċiżjoni li kienet tirrigwarda l-aspett ta' smigħ xieraq f'dak li għandu x'jaqsam ma' mġiba fis-smigħ ta' kawża (*conduct of proceedings*): "*The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances in tha administration of justice, but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive. The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified*"[60];

Illi, għal dak li jirrigwarda t-test suġġettiv, ingħad li m'għandu jkun hemm l-ebda dubju jew illużjoni li l-prova tal-imparzjalita' suġġettiva tal-ġudikant m'hijiex waħda faċli li titwettaq għal min jallegaha[61]. Imma b'danakollu, hija prova li trid issir u ssir fil-grad lil hinn minn sempliċi konġettura jew suspett;

Illi huwa stabilit ukoll li l-fatt waħdu li ġudikant jiġi msejjaħ jiddeċiedi aktar minn darba waħda kawżi li jolqtu lill-istess persuna mnissilin minn "fatti" differenti, ma jġibx miegħu il-konsegwenza li, hekk kif jaqta' l-ewwel waħda minn tali kawżi, isir "preġudikat" dwar dik il-persuna fir-rigward tal-

---

[60] ECHR **19.4.1993** fil-kawża ***Kraska vs Switzerland*** (Applik. Nru. 13942/88) par 32; u ara wkoll ECHR **1.10.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Piersack vs Belgium*** (Applik. Nru. 8692/79) par 30; u ECHR **24 .5.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Hauschildt vs Denmark*** (AppliK. Nru. 10486/83) par 46-8
[61] Ara ECHR **9.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Sander vs U.K.*** (Applik. Nru. 34129/96)

kawżi li jifdal[62]. Dan jingħad sewwsew b'ħarsien tal-preżunzjoni tal-imparzjalita' tal-ġudikant. Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda t-test oġġettiv, wieħed irid jara jekk tirriżultax xi ċirkostanza li tnissel fil-parti jew f'moħħ il-pubbliku suspett leġittimu dwar l-imparzjalita' tal-Qorti. Ċirkostanza waħda, fil-qafas tal-proċess kollu, tista' tkun biżżejjed biex issejjes l-ilment tan-nuqqas ta' imparzjalita';

Illi, fil-każ partikolari, wara li l-Qorti fliet sewwa l-atti (u l-iżjed is-sentenzi li dwarhom jilmenta r-rikorrent), hija tasal għall-fehma li ma hemm xejn fihom li b'xi mod iwassalha biex tqis li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet, suġġettivament jew oġġettivament, parzjali fl-imġiba tagħha b'mod li ġabet fix-xejn il-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq minn qorti imparzjali. Din il-Qorti jidhrilha li l-ebda wieħed mit-tliet aspetti elenkati mir-rikorrent ma jixhed li l-ġudikant kien imparzjali jew li f'għajnejn il-bniedem tat-triq seta' hekk jidher li kien. Il-Qorti m'hijiex, l-ewwelnett, konvinta li l-imħallef in kwestjoni wera inkonsistenza bejn dak li iddeċieda fis-sentenzi mertu ta' dan il-każ u s-sentenza li kien ta qabel u li jsemmi r-rikorrent. Minbarra li r-rikorrent jidher li ma qiesx iċ-ċirkostanzi differenti li kienu jipprevalu bejn il-każi tiegħu u dawk tas-sentenza l-oħra, naqas ukoll li jagħraf bejn l-inkonsistenti (dak li ma jaqbilx miegħu nnifsu) u l-inkomparabbli (dak li ma jitqabbilx ma' ħaġ'oħra). Fit-tieni lok, lanqas ma ntwera l-iċken ħjiel li l-ġudikant akkanixxa lilu nnifsu għar-rikorrent minħabba li dan kellu quddiemu żewġ kawżi għat-trattazzjoni dwar l-istess persuna fl-istess smigħ. L-ebda sentenza ma tagħmel riferenza għall-imputazzjoni li kienet qegħda titqies fis-sentenza l-oħra, u mkien fihom ma jidher li l-Qorti għamlet ħaġ'oħra għajr li qieset, f'kull waħda minnhom, dak li kien il-mertu ta' dik l-imputazzjoni;

Illi, fit-tielet lok, lanqas jirriżulta li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tat ħjiel ta' parzjalita' jew żbilanċ kontra r-rikorrent bl-użu tal-frażi li dwarha r-rikorrent jidher li ħassu urtat. Biex kumment minn ġudikant jitqies li juri xaqlib jew imparzjalita' li tikser il-jedd ta' smigħ xieraq, jeħtieġ li

[62] Ara P.A. Kost. **9.9.2002** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bone et***

jintwera li dak il-kumment ikun imur iżjed ‘il barra mil-limiti ta’ apprezzament għall-mertu li jkun jinsab quddiem dak il-ġudikant. Eżempju li jista’ jingħata ta’ kumment jew rimarka parzjali ċensurabbli waqt smigħ huwa dak fejn, irrispettivament mill-mertu li jkun qiegħed jiġi mistħarreġ, il-ġudikant jgħaddi rimarka li tolqot lill-parti dwar ir-razza[63], s-sess, it-twemmin jew il-fama tagħha u li ma jkollhom x’jaqsmu xejn mal-mertu tal-kawża. Fil-każ li minnu qiegħed jilmenta r-rikorrent, ir-rimarka “inkriminanti” kienet waħda ta’ apprezzament li kull Qorti ta’ grad ta’ appell hija mistennija li tagħmel (kemm jekk espressament kif ukoll jekk biss fil-kuxjenza tagħha) fejn tkun qegħda tqis ilment minn piena inflitta minn Qorti ta’ grad inferjuri;

Illi ma’ dan jiżdied jingħad ukoll li hemm okkażjonijiet fejn ġudikant mhux biss għandu l-jedd li jimmotiva s-sentenza tiegħu b’rimarki, imma wkoll l-obbligu li jagħmel dan billi “*jesprimi ruħu, jekk hemm bżonn anke f’termini ebsin, dwar il-fatti li jkunu irriżultawlu, speċjalment għal finijiet ta’ piena. Sakemm il-kumment ma jkunx f’termini żbilanċjati jew manifestament mhux f’loku, jew sakemm ma jkunx evidenti li l-kumment huwa motivat minn animosita’ jew simpatiji personali lejn parti jew l-oħra, jew sakemm ma jkunx hemm xi ċirkostanza oħra f’dan is-sens, ma jistax jingħad li fir-rigward ta’ dak il-ġudikant ikun hemm raġuni leġittima biex wieħed jaħseb li f’kawża oħra li tinvolvi l-istess parti jew partijiet dak il-ġudikant mhux ser ikun f’pożizzjoni li jaffronta l-każ b’mod oġġettiv. Il-kummenti ta’ ġudikant, dejjem jekk ikunu fil-parametri tal-liġi u ta’ dak li hu raġonevoli, huma parti essenzjali mill-motivazzjoni tas-sentenza*”[64];

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li lanqas dan l-ilment tar-rikorrent ma huwa ippruvat kif imiss u qiegħed jiġi miċħud;

## E – Ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

[63] Ara, per eżempju, ECHR **8.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***McGonnell vs U.K.*** (Applik. Nru. 28488/95) par. 25-6

[64] P.A. Kost **9.9.2002** fir-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Pulizija vs Joseph Bone et.*** Ara wkoll Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Xavier Mifsud vs Avukat Ġenerali*** u Harris, O’Boyle & Warbrick, *op. cit.*, paġ. 235

Illi r-rikorrent jilmenta wkoll li huwa ġie mċaħħad minn rimedju effettiv bil-fatt li l-liġi ma tagħtihx dritt li jitlob is-smigħ mill-ġdid (ritrattazzjoni) ta' kawża kriminali maqtugħa fil-grad tal-appell. Il-fatt li din il-Qorti s'issa ma sabet li l-ebda lment imressaq mir-rikorrent ma huwa mistħoqq ma jfissirx li, awtomatikament, għandha twarrab l-ilment tiegħu ta' ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni. L-imsemmi artikolu ġie mfisser bħala wieħed awtonomu imma ta' għamla sussidjarja tant li "*while a breach of Article 13 does not depend on establishing a breach of another article, what the obligations of the state are under Article 13 can be established only by taking the exact nature of each Convention claim into consideration. ... The most effective co-operation is the incorporation of the terms of the Convention into national law but Article 13 has not been read to impose an obligation to do this on contracting states*"[65];

Illi l-imsemmi artikolu jagħraf żewġ elementi: dak tar-rimedju effettiv u dak li r-rimedju jista' jittieħed minn awtorita' nazzjonali minn kull min imqar jippretendi li xi jedd fondamentali tiegħu safa mkasbar jew imnaqqas. Mela biex Qorti tqis talba dwar ksur tal-artikolu 13, m'huwiex meħtieġ li l-persuna turi li fil-fatt ġarrbet ksur ta' jedd konvenzjonali ieħor, iżda biżżejjed li tallega tali ksur[66]. Daqstant ieħor, huwa stabilit[67] li l-għan ta' azzjoni msejsa fuq l-artikolu 13 m'huwiex dak li jiggarantixxi li l-awtorita' nazzjonali li tagħti r-rimedju effettiv tasal biex tiddeċiedi sewwa skond il-Konvenzjoni, imma dak li jaċċerta jekk l-allegat nuqqas ta' rimedju effettiv iwassalx għal ksur tal-Konvenzjoni. B'dan il-mod, l-artikolu 13 m'huwiex maħsub li jagħti garanzija kontra kull illegalita' f'ordinament ġuridiku nazzjonali partikolari, imma li jqis biss illegalitajiet marbutin ma' jeddijiet imħaddna fil-Konvenzjoni u li dwarhom jitressaq "*an arguable claim*";

---

[65] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.* paġ. 461

[66] Ara ECHR **6.9.1978** fil-kawża fl-ismijiet ***Klass and Others vs Federal Republic of Germany*** (Applik. Nru. 5029/71) par. 64

[67] Ara ECHR **25.3.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Silver and Others vs U.K.*** (Applik.Nru. 5947/72) par 113

Illi ngħad ukoll li l-artikolu 13 ma jillimitax ir-rimedju effettiv biss għal wieħed ġudizzjarju[68] u għalhekk l-imsemmi rimedju lanqas għandu għalfejn joqgħod għall-kriterji kollha stabiliti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni dwar smigħ xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi, fi żmien raġonevoli. Huwa meqjus ukoll li "ġabra ta' rimedji" (*an aggregate of remedies*) fuq livell nazzjonali jistgħu jagħmlu tajjeb biex jissoddisfaw il-vot tal-artikolu 13[69], imbasta jkunu effettivi. L-effettivita' titqies minn erba' (4) aspetti: dik istituzzjonali, dik sostantiva, dik rimedjali u dik materjali;

Illi l-inkorporazzjoni tal-Konvenzjoni bħala parti mil-liġi tal-pajjiż titqies bħala twettiq tal-aspett sostantiv tar-rimedju effettiv, l-iżjed jekk id-dispożizzjonijiet konvenzjonali jingħataw għarfien ewlieni u applikazzjoni rigoruża fl-ordinament ġuridiku li jkun. Min-naħa l-oħra, jekk l-awtorita' li tista' tagħti tali rimedju tħaddan indipendenza biżżejjed mill-awtorita' jew persuna allegatament responsabbli mill-ksur tal-jedd fondamentali, ikun qiegħed jitħares l-aspett istituzzjonali tal-effettivita'. Biex imbagħad ir-rimedju jitqies effettiv, ikun biżżejjed li l-ilment tal-persuna jista' jiġi mismugħ mill-awtorita' li tkun u li hija jkollha s-setgħa li tagħti r-rimedju jekk taqbel mal-ilment (mhux li bilfors trid tagħti deċiżjoni favorevoli lill-persuna). Fl-aħħarnett, ir-rimedju jrid ikun disponibbli lill-persuna, biex b'hekk jitqies milħuq il-kriterju ta' rimedju materjali;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa biex tqis l-ilment tar-rikorrent taħt din ir-ras fid-dawl tal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru. L-ewwel ħaġa li l-Qorti qegħda tqis huwa li l-Konvenzjoni tagħmel parti ewlenija mis-sistema ġuridiku ta' pajjiżna. Id-dispożizzjonijiet tagħha huma mogħtijin saħħa u għarfien daqs kemm iħaddnu d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni. Il-fatt waħdu li r-rikorrent qiegħed iressaq quddiem din il-Qorti l-ilmenti tiegħu ta' allegat ksur ta' jeddijiet fondamentali għandu jitfa' dawl kbir fuq jekk ġiex provdut b'rimedju effettiv kontra s-sentenzi finali li dwarhom iħoss li saret miegħu inġustizzja;

---

[68] Ara ECHR **26.3.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Leander vs Sweden*** (Applik. Nru. 9248/81) par. 83

[69] Ara ECHR **15.11.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Chahal vs U.K.*** (Applik. Nru. 22414/93) par 145

Illi għalhekk, il-fatt biss li ma jeżistix il-proċess ta' ritrattazzjoni fil-kamp tal-proċedura kriminali[70], mingħajr ma wieħed jieħu qies ta' rimedji oħrajn provduti fis-sistema legali, ma jġibx li jkun hemm ċaħda ta' rimedju effettiv dwar allegat ksur tal-Konvenzjoni. Biżżejjed jingħad li huwa stabilit li dritt ta' appell ma jiffurmax parti mill-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6(1)[71]. Jekk dan huwa l-każ, allura, anqas u anqas jista' jingħad li l-jedd għal smigħ mill-ġdid ta' kawża li tkun għaddiet mill-medda kollha proċedurali mfassla fil-liġi huwa jedd li mingħajru ma jistax jitqies li l-persuna ma kellhiex rimedju effettiv jew li bin-nuqqas tiegħu hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;

Illi din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni u t-tifsira mogħtija dwaru mill-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem iwasslu biex in-nuqqas waħdu ta' proċedura ta' ritrattazzjoni fis-sistema proċedurali penali tikkostitwixxi nuqqas ta' rimedju effettiv taħt l-imsemmi artikolu. Partikolarment, ma ssibx li jirriżulta li fiċ-ċirkostanzi li jinsab fihom ir-rikorrent seħħ fil-konfront tiegħu ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni, u għalhekk ukoll il-Qorti m'hijiex qegħda tilqa' l-ilment bħala wieħed mistħoqq;

## F - Il-Biżgħa ta' ksur tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni.

Illi għar-raġunijiet miġjubin aktar 'il quddiem, ladarba ma jeżistux, fil-fehma tal-Qorti, raġunijiet li jsejsu ksur tal-artikolu 13, isegwi li lanqas il-biżgħa ta' ksur ta' dak il-jedd ma tista' tirriżulta;

Illi jekk imbagħad dan l-ilment jitqies fil-parametri li fihom ir-rikorrent fassal it-talba, jiġifieri f'termini ta' deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tajba jew ħażina li għamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali jew dwar jekk

---

[70] Fil-fatt l-artkolu 508 tal-Kap 9 jipprovdi għal każi fejn proċess kriminali jista' jinstama' mill-ġdid, iżda dan ma jiddependix minn proċediment li tista' tagħżel li tieħu parti fil-kawża, imma minn fehma jew diskrezzjoni tal-Qorti fi grad tal-Appell

[71] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone et vs L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.197**)

messhiex applikat jew le l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, allura joħroġ li, għar-raġunijiet li din il-Qorti diġa' fissret fit-tul aktar qabel, l-ilment lanqas biss jista' jingħata widen f'din l-istanza

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati** u tiddikjara li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent la hija fiergħa u lanqas merament vessatorja, u għalhekk jistħoqqilha titqies minn din il-Qorti;

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati**, u dan kwantu tirreferi għall-proċedimenti rigwardanti r-rikorrent quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, u tiddikjara li hija għandha teżerċita s-setgħat tagħha biex tqis l-ilmenti tar-rikorrent, kif sejra issa tagħmel;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati fil-mertu** u, konsegwentement, **tiċħad it-talbiet tar-rikorrent** bħala mhux mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, billi ma jirriżultax li seħħ ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq minn Qorti imparzjali jew ta' xi jedd ieħor fondamentali spettanti lilu, kif minnu lmentat; u

**Tordna** li, fid-dawl ta' aspetti partikolari ta' dritt mistħarrġa f'dan il-każ, l-ispejjez ikunu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------